



REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1998

tas-16 ta' Luju 2024

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 (²), jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawn ir-regoli jaapplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li tkun totalment jew parżjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddiżżoni oħra magħha, u li tkun stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jkun hemm l-applikazzjoni ta' tariffe u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.
- (3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness jenħtieġ li jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.
- (4) Jixraq jiġi previst li l-informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa għall-oġġetti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament, tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dak il-perjodu jenħtieġ li jkun tliet xħur.
- (5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xħur mid-data tad-dħul fis-seħħi ta' dan ir-Regolament.

(¹) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj>.

(²) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Luju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1987/2658/oj>).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċċiali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Lulju 2024.

*Għall-Kummissjoni
Fissem il-President,
Gerassimos THOMAS
Direttur Ġeneral
Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni*

ANNESS

Deskrizzjoni tal-oggetto	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Oġġett (l-hekk imsejjaħ splitter ottiku passiv) fil-forma ta' kaxxa tal-plastik b'dimensjonijiet ta' madwar $377 \times 176 \times 40$ mm, b'port tal-input wieħed u bi 32 port tal-output. Fih cables fibrottiċi, konnetturi tat-tip SC/APC, gwida tal-mewġ ottika b"ċippa splitter" u kisi magħmul minn materjal b'indiċi rifrattiv baxx, it-tnejn f'qafas wieħed.</p> <p>L-oġġett hu ddisinjat biex jintuża f'network ottiku passiv (PON) biex jofroq is-sinjali ottiċi ttrasferiti minn ġo fi permezz ta' cables ottiċi. Hu element ottiku passiv li jaħdem mingħajr xi sistema elettrika jew elettronika li tofroq is-sinjal ottiku tal-input fi 32 sinjal identiku tal-output.</p> <p>Il-prinċipju tal-funzjonament tal-oġġett hu bbażat fuq id-differenza fl-indicij rifrattiv bejn is-saff tal-qalba u tal-kisi, li jikkorrispondi għat-trażżien teknoloġija PLC (Planar Lightwave Circuit).</p> <p>(Ara l-istampi) (*)</p>	9013 80 40	<p>Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenkatura Magħquda, min-Nota 1(m) tat-Taqsima XVI u mill-kliem tal-kodiċijiet NM 9013, 9013 80 u 9013 80 40.</p> <p>Il-klassifikazzjoni fl-intestatura 8517 bħala apparat ieħor għat-trażmissjoni jew ir-riċeviment ta' vuċċijiet, immagħniżiet jew data oħra, inkluż l-apparat għall-komunikazzjoni f'network bil-fili jew bla fili, hija eskużha għax l-oġġett hu ddisinjat sempliċiement biex jofroq is-sinjali ottiċi ttrasferiti minn ġo fi permezz ta' cables ottiċi. La jsiru modulazzjoni jew trażmissjoni, u lanqas riċeviment jew konverżjoni skont it-tifsira tal-intestatura 8517.</p> <p>Peress li l-oġġett fih gwida tal-mewġ, li l-preżenza tagħha mhix permessa fl-ambitu tal-intestatura 8544, il-klassifikazzjoni bħala cables tal-fibrottiċi, magħmulin minn fibri miksija individwalment, kemm jekk immuntati b'kondutturi elettriċi jew mgħammrin b'konnetturi kif ukoll jekk le hija eskużha (ara wkoll HSEN għall-intestatura 8544, it-8 paragrafu).</p> <p>Għaldaqstant, l-oġġett jitqies bħala apparat ottiku fil-ambitu tal-Kapitolu 90.</p> <p>Għalhekk, l-oġġett irid jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 9013 80 40 bħala splitters ottiċi passivi, li ma fihomx elementi elettriċi jew elettroniċi, għat-telekomunikazzjoni.</p>

(*) L-istampi huma purament għall-informazzjoni.

